**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 11 ta' Frar 2016**

**Pulizija**

**Spettur Darren Buhagiar**

**Vs**

**Deborah Farrugia**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Deborah Farrugia ta' 28 sena, bint Raymond u Dorothy nee' Farrugia, imwielda Pieta' fid-29 ta' Gunju 1984, residenti fil-fond Helen Maisonette, Triq il-Ftieh, Birkirkara u detentrici tal-karta ta' l-identita bin-numru 346284(M);

Talli fis-27 ta' Lulju, 2003 ghall-habta ta' bejn is-siegha ta' filghodu u d-disgha ta' filghodu, fi Trqi Bwieraq Birkirkara:

1) Ikkommettiet serq ta' *car seat covers* ta' lewn kannella u bil-logo tat-*Toyota* u *indicator* ta' quddiem tax-xellug minn go vettura tal-ghamla Toyota Starlet bin-numru tar-registrazzjoni LCG-106, liema serq hu

kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta' Gilbert Debattista minn Birkirkara;

2) U talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassret, ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' fuq vettura tal-ghamla Toyota Starlet bin-numru tar-registrazzjoni LCG-106, liema ammont ta' hsara ma jiskorrix tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29) ghad-detriment ta' Gilbert Debattista minn Birkirkara;

3) U talli fil-lejl ta' bejn it-3 ta' Lulju 2003 u l-4 ta' Lulju 2003, hjall-habta ta' bejn il-hdax ta' filghaxija u t-tmienja ta' filghodu, fi Triq ta' Xmiexi, Msida ikkommettiet serq ta' *car stereo CD player* tal-marka *Kenwood* ta' mudell mhux maghruf u 5 *compact discs* minn go vettura tal-ghamla Volkswagen Jetta bin-numru tar-registrazzjoni IAM-116, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta' Andrew Rizzo mill-imsida;

4) U talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassret, ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' fuq vettura tal-ghamla Volkswagen Jetta bin-numru tar-registrazzjoni IAM-116, liema ammont ta' hsara ma jiskorrix tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin (€23.29) ghad-detriment ta' Andrew Rizzo mill-Imsida;

5) U talli fil-lejl ta' bejn it-23 ta' Lulju 2003 u l-24 ta' Lulju 2003, ghall-habta ta' bejn id-disgha ta' filghaxija u is-sitta ta' filghodu, fi Triq Patri Marjanu Vlla, Sliema ikkomettiet serq ta' *car stereo CD player* ta' marka ta' mudell mhux maghruf, *handbag* ta' lewn iswed, *wallet* ta' lewn sewda, 2 *cards* tal-banek HSBC u BOV, licenzja tas-sewqan, karta ta' l-identita', tapit tad-dashboard u hames mitt lira Maltin (LM500) fi flus kontanti minn go vettura tal-ghamla Peugeot 206 bin-numru tar-registrazzjoni DBF-682, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur li jeccedi il-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux izjed minn

elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-detriment ta' Alfreda Pisani minn Sliema;

6) U talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassret, ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe fuq vettura tal-ghamla Peugeot 206 bin-numru tar-registrazzjoni DBF-682, liema ammont ta' hsara ma jiskorrix mija u sittax il-euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) imma izjed minn tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (€ 23.29) ghad-detriment ta' Alfreda Pisani minn Sliema.

7) U talli fil-lejl ta' bejn il-5 t'Awwissu 2003 u s-6 t'Awwissu 2003, ghall-habta ta' bejn l-ghaxra ta' filghaxija u s-sebgha neqsin kwart ta' filghodu, fi Triq Ta' Zwejt, San Gwann ikkemmettiet serq ta' *bumper* ta' quddiem, pjanca tar-registrazzjoni ta' quddiem, 2 *indicators* ta' quddiem u licenzja tas-sewqan minn go vettura tal-ghamla Toyota Windy bin-numru tar-registrazzjoni LCF-468, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur li jeccedi il-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€ 2,329.37), ghad-detriment ta' Carmel Marchett minn San Gwann.

8) U talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassret, ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' fuq vettura tal-ghamla Toyota Windy bin-numru tar-registrazzjoni LCF-468, liema ammont ta' hsara ma jiskorrix mija u sittax il-euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) imma izjed min tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29) ghad-detriment ta' Carmel Marchett minn San Gwann;

9) U talli kisret il-provedimenti tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza li saret definittiva u li ma tistax tigi mhassra moghtija lilha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata is-6 ta' Frar 2003;

10) U aktar talli saret recediva ai’ termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi mill-provi prodotti, il-Qorti hi tal-fehma li ma kien hemm ebda prova fil-konfront tal-imputata li setghet tindika li kienet hi li wettqet ir-reati in kwistjoni. Il-Qorti semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, u ma ngabet ebda prova li tista’ torbot lill-imputata ma’ din il-kawza.

Il-kaz jittratta numru ta’ serqiet minn vetturi li kienu sehhew fix-xhur ta’ Lulju u Awwissu 2003, u l-imputata kienet tressqet fuqhom f’Ottubru 2012. Aktar tard, f’Novembru 2012, l-imputata giet arrestata u rrilaxxat zewg stqarrijiet, fit-28 u fit-30 tal-istess xahar, dwar il-mertu ta’ din il-kawza. F’dawn l-istqarrijiet hi ghazlet li ma twiegeb ghall-ebda domanda. Fil-21 ta’ Frar 2013, l-akkuzi fil-konfront tal-imputata gew korretti u zdiedu xi akkuzi godda. Gew esebiti fl-atti r-rapporti tal-okkorrenza ghas-serq in kwistjoni, u gew esebiti r-rapporti forensici dwar impronti digitali mehuda minn tlitt vetturi li minnhom kienu insterqu xi oggetti. Apparti minn dawn il-provi, ma gie prodott xejn aktar, ghajr sentenzi fil-konfront ta’ Deborah Farrugia dwar l-addebitu tar-recidiva.

Ma hemm ebda prova, izda, li tista’ tindika lill-imputata bhala l-persuna li wettqet is-serqiet imsemmija. Apparti l-fatt kurjuz li l-imputata giet interrogata mill-Pulizija f’ Novembru 2012, u cioe’ wara li kienet giet ippresentata l-akkuza kontriha fit-30 ta’ Ottubru 2012, ma hemmx prova li l-imputata kienet involuta

f’dawn ir-reati. La gew prodotti xhieda okulari jew xhieda ohra, la gie indikat li l-impronti digitali misjuba fuq il-vetturi kienu taghha u mhux tas-sidien tal-istess vetturi. Fuq nuqqas ta’ provi l-Qorti m’ghandhiex ghazla hlief li tillibera lill-imputata.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 49, 50, 289, 261, 263, 270, 271, 267, 325(1) tal-Kap 9 u l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Din il-Qorti mhix qieghda ssib lill-imsemmija imputata hatja u qieghda tilliberha mil-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni .

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**